MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2010

Numru. 1333/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR JAMES GRECH**
**KONTRA**

**TYRON JOHN AXISA**
**NICOLINA ISMERIA VELLA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Tyron John Axisa, bin Carmelo u Maryanne nee' Bartolo, mwieled Pieta' nhar id- 19 ta' April 1977, residenti 47, Assisi, Triq Alessandru, B'Bugia u detentur tal- Karta tal-Identita bin- numru 432977(M);

U

Nicolina Ismeria Vella, bint John u Emanuela nee’ Balzan, mwielda Attard fid- 9 ta’ April 1979, residenti 31, Old Church Street, Siggiewi u detentrici tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 183979(M);

Li gew mressqa quddiemha sabiex iwiegbu ghall-imputazzjonijiet;

Talli nhar it- 28 ta’ Awwissu 2009 ghal habta tat- 20.20hrs f’ dawn il- Gzejjer;

1) bil- hsieb li jaghmlu hsara lil PC 1315 Jeffrey Abela detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 234377(M), akkuzaw lil din il- persuna quddiem awtorita’ kompetenti b’ reat, filwaqt li kienu jafu li din il- persuna hija innocenti;

2) aktar talli bil- qerq holqu jew gieghelu jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza sabiex dan il- fatt jew cirkostanza jkunu jistghu il- quddiem jiswew bi prova kontra PC 1315 Jeffrey Abela detentur tal- Karta tal-Identita’ bin- numru 234377(M), bil- hsieb li b’ hekk din il-persuna tkun tista’ tigi kontra s- sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta’ reat;

3) aktar talli iddenunzjaw lill- Pulizija Ezekuttiva reat li jafu li ma sarx, inkella bil- qerq holqu t- tracci ta’ reat b’ mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir- reat kien sar;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputati irregistraw ammissjoni fl-aktar stadju bikri f’dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnhom wara li l-

Qorti tathom zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidraw sew din l-ammissjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-kawza hija risultat ta’ separazzjoni miz-zwieg bejn l-imputata Nicolina Vella u l-parti leza, zewgha Jeffrey Abela. Jirrisulta li kien hemm incident bejnhom fid-data indikata, u sabiex tpattiha lil zewgha, hi u l-imputat Axisa ghamlu rapport lill-Pulizija li Abela kien wettaq reat. Dan ir-rapport ma kienx minnu, u ghalhekk inbdew dawn il-proceduri kontra l-imputati. Meta giet biex tikkonsidra l-piena, il-Qorti giet infurmata li llum l-imputati gharfu sew l-izball serju taghhom, u in vista tas-separazzjoni pendenti quddiem il-qrati civili, kemm il-Prosekuzzjoni kif ukoll id-difiza issottomettew li jkun ahjar jekk ma jkunx hemm piena iebsa fil-konfront taghhom u li l-affarjiet ma jikbrux lil hinn mil-proporzjon tal-kaz. Ghalhekk il-Qorti sejra taghti provvediment ai termini tad-disposizzjonijiet tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, bl-intendiment car mal-imputati li jekk dik is-sanzjoni tinkiser minnhom, ikollhom iservu piena ta’ prigunerija effettiva ghal dan ir-reat.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat  l-Artikoli 101, 110 (1) u 110 (2)

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputati hatja u ghaldaqstant tilliberahom bil- kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sentejn ai terminu tal- Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------